MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 649/1998/1

**Alexandra Sciberras f' isimha proprju u ghan-nom ta' uliedha minuri Andrew, Angela Denise u Abigail Victoria**

**Vs**

**Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-27 ta' Marzu 1998 li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi Alexander Sciberras miet fit-22 ta' Dicembru, elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) kif jidher mic-certifikat tal-mewt anness ma' l-att tac-citazzjoni Dok. "A";

Premess illi kif jirrizulta mir-ricerka testamentarja Alexander Sciberras miet minghajr ma ghamel testment;

Premess illi l-atturi huma l-mara u l-ulied ta' l-imsemmi Alexander Sciberras u li a favur taghhom jghaddi l-wirt ta' l-istess, kwantu ghad-drittijiet ta' usufrutt tan-nofs a favur l-imsemmija martu, u kwantu ghall-eredita` proprja a favur l-imsemmija uliedu;

Premess illi Alexander Sciberras kien dahal f' kuntratt ta' assigurazzjoni tal-hajja mal-Middle Sea Valletta Insurance Company Limited u fis-16 ta' Dicembru 1994 hallas il-*premium* fil-konfront ta' l-istess kuntratt ta' assigurazzjoni;

Premess illi wara l-mewt ta' l-imsemmi Alexander Sciberras, is-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) bhala somma assigurata fuq il-hajja ta' l-imsemmi Alexander Sciberras, u din baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) bhala somma dovuta taht il-kuntratt ta' assigurazzjoni tal-hajja hawn fuq imsemmi, kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-*claim* kif tirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-2 ta’ Settembru 1998 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi l-attrici Alexandra Sciberras ghandha tipprova li hija ghandha r-rapprezentanza ta’ uliedha minuri;

2. Minghajr pregudizzju ghal premess, l-attrici ghandha ggib il-prova dokumentarja li turi min huma l-eredi tad-decujus Alexander Sciberras;

3. Minghajr pregudizzju ghal premess, fil-meritu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi ma lahaq sar ebda kuntratt ta’ assigurazzjoni bejn is-socjeta` konvenuta u d-decujus Alexander Sciberras kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk s-socjeta` konvenuta ma hija tenuta thallas ebda ammont;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-Affidavits ipprezentati mill-kontendenti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-aspett guridiku bazilari ta’ din l-istanza jikkonsisti mill-fatt jekk giex konkjuz, jew le, kuntratt ta’ assigurazzjoni fuq il-hajja ta’ Alexander Sciberras, zewg l-attrici Alexandra Sciberras u missier l-ulied minuri komuni, atturi wkoll f’ din il-kawza;

L-atturi jsostnu illi tali kuntratt kien dahal fis-sehh qabel id-decess ta' l-imsemmi kongunt taghhom fit-22 ta' Dicembru 1994. Il-punti li jissemmew minnhom bhala determinanti ghall-kwestjoni huma s-segwenti:-

I. Fil-mument meta giet mimlija l-*proposal form* id-defunt gie mitlub ihallas il-*premium* ghal liema nhargitlu ricevuta. In vista ta' dan huma jikkontendu illi in kwantu l-hlas tal-*premium* huwa meqjus bhala element importanti fil-kamp ta' l-assigurazzjoni dan kien jimmanifesta assunzjoni tar-riskju u, allura wkoll, vinkolu kontrattwali;

II. Dan mhux biss in kwantu huma jsostnu wkoll illi tali rabta hi dezunta wkoll mill-kontenut ta' l-I*statutory Notice* (fol. 31) datata 16 ta' Dicembru 1994. Dokument dan li jaghti l-opportunita` lill-assigurat li jirrecedi mill-kuntratt sa hmistax (15) il jum wara li hu jkun servut b' dan l-Avviz;

F' dan l-istadju tirrendi ruhha necessarja l-indagini dwar il-posizzjoni tas-socjeta` assiguratrici konvenuta li tobbjetta li l-ebda kuntratt ta' assigurazzjoni ma gie hekk konkluz f' dan il-kaz u li l-ebda referenza tendenti ghal konkluzjoni bhal din ma hi desumibbli mill-fatti processwali;

Fl-isfond tax-xhieda prodotti minnha s-socjeta` konvenuta tikkontrapponga difiza artikolata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet emanenti minn Nota ta' Sottomissjonijiet taghha a fol. 85:

i. L-offerta kontenuta fil-*proposal form* redatta mid-defunt ma tibbastax ghall-iskop tad-determinazzjoni ta' xi kuntratt konkjuz. Hi tissottometti illi biex jista' jinghad li jezisti ftehim irid ikollok accettazzjoni. Accettazzjoni din li trid necessarjament titwassal lil min jaghmel l-offerta, in kwantu s-silenzju jew dewmien ma jistghux jikkonfiguraw bhala xi forma ta' acettazzjoni valida;

ii. Huwa sintomatiku fil-kaz ta’ polza assigurattrici fuq il-hajja illi hu necessarju stharrig profond da parti ta’ l-assigurazzjoni tal-qaghda medika tal-persuna li tkun qed titlob kopertura ta’ assigurazzjoni fuq hajjitha. Li jfisser, skond is-socjeta` konvenuta, illi f’ kazijiet konsimili qatt ma jista’ jkollok acettazzjoni awtomatika jew immedjata malli timtela l-*proposal form*;

iii. Kwantu ghar-recezzjoni tal-*premium* dan kellu fic-cirkostanzi jitqies bhala “*deposit premium*” u mhux bhala prova illi b’ daqshekk assumiet ir-riskju. Hi tissottometti illi l-hlas li sar kellu jigi rigwardat fit-termini kontenuti fir-ricevuta (fol. 48);

iv. Fil-kaz ta’ l-I*statutory Notice* l-ebda interpretazzjoni ta’ xi kopertura ma tista’ tigi derivata minnha. Dan tiddezumih mid-dicitura ta’ l-istess dokument;

v. Kuntrarjament ghal dak sostenut mill-attrici fl-Affidavit taghha (fol. 37) ma seta’ jkun hemm l-ebda kancellament in kwantu dan jippresupponi l-ezistenza ta’ kuntratt li fil-kaz prezenti qatt ma kien hemm in operazzjoni;

Ghal kompletezza tal-kwadru, dawk li jistghu jitqiesu fatti ohra validi f’ dan il-kaz qeghdin jigu hekk rijassunti:-

(a) Skond ix-xhieda Mark Camilleri, Assistant General Manager tas-socjeta` konvenuta (fol. 41) u Mario Grima, Senior Manager tal-Bank of Valletta (fol. 57), il-Bank of Valletta kienet qed tagixxi bhala “*salesman*” tas-socjeta` konvenuta. Kienet fil-fatt din is-socjeta` bankarja li assistiet lid-defunt fil-mili tal-*proposal form* fis-16 ta’ Dicembru 1994 li twasslet lis-socjeta` konvenuta fid-19 ta’ Dicembru 1994;

(b) In-natura tal-polza rikjesta kienet timporta l-approvazzjoni tas-socjeta` konvenuta billi din ma setghetx tigi konkjuza mill-Bank in kwantu dan ma kellux

awtorizzazzjoni ghal daqshekk. Dan mit-tifsira li l-imsemmija xhieda jghatu lid-dokument esebit a fol. 45;

(c) Skond ix-xhud Anthony Formosa, li fiz-zmien in kwestjoni kien impjegat ta’ l-imsemmi Bank fil-fergha ta’ Santa Venera, il-*proposal form* tintbaghat ghal verifika tas-socjeta` konvenuta biex din taghmel il-process rikjest ta’ *underwriting* ghall-iskop tal-kopertura ta’ l-assigurazzjoni tar-riskju. L-istess xhud itenni illi hi procedura normali illi mal-*proposal form* jigi depozitat ukoll hlas ta’ *premium* sakemm isir il-process mehtieg tal-verifiki necessarji;

(d) Dejjem skond dan l-ahhar imsemmi xhud l-I*statutory Notice* li nghata lill-mejjet ghall-iffirmar tieghu minnu ghandu l-iskop li jgib ghall-attenzjoni ta’ l-offerent illi jekk ikun irid dan kellu, fiz-zmien preskritt, il-fakolta` li jindetreggja lura;

(e) Irrizulta illi Alexander Sciberras miet tlett ijiem fuq li s-socjeta` konvenuta rceviet il-*proposal form* u ghalhekk il-*premium* imhallas gie rimborsat. Billi c-*cheque* baqa’ ma ssarrafx is-socjeta` konvenuta ghaddiet ghad-depozitu tieghu taht l-awtorita tal-Qorti (fol. 50);

Il-konsiderazzjonijiet premessi jwasslu lil din il-Qorti taghmel is-segwenti riflessjonijiet ta’ dritt;

Huwa pacifiku illi l-mili tal-*proposal form* hi preordinata ghall-effettwazzjoni tal-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni. Dan hu manifestament hekk il-kaz kemm fid-duttrina Ingliza kif ukoll dik kontinentali fuq is-suggett;

Hekk **Ivamy** (“General Principles of Insurance”, 4th Edition, 1979, pagna 107) u **Margo** (“Aviation Insurance”, 1st Edition, 1980, pagna 44) jispjegaw illi “*the proposal form when completed and signed by the prospective insured and lodged with the insurer by whom it has been supplied constitutes an offer to the insurer to effect a contract of insurance. This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is*

*up to the insurer to decide whether to provide cover and if so, at what premium.*";

Dan il-hsieb hu konformi ghal dak koncepit mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Numru 6621, 15 ta' Dicembru 1981**:-

"*Con riguardo al documento sottoscritto dal soggetto che intende assicurarsi e contenente una semplice proposta di contratto, si da restare di per se` inidoneo alla costituzione del rapporto assicurativo fino a che non intervenga l' accettazione dell' assicuratore (ed a prescindere dall' esistenza di una formale clausola in tal senso), il perfezionarsi del contratto di assicurazione non puo` essere affermato in relazione al mero fatto che tale documento sia predisposto dall' assicuratore e con tutte le clausole proprie della polizza, trattandosi di circostanza, frequente nella prassi, giustificata dal carattere "fermo" della proposta e dall' esigenza di consentire la conclusione del contratto con la sola accettazione del destinatario, ne in relazione al fatto che il documento medesimo rechi la firma dell' agente dell' assicuratore che abbia sollecitato e promosso la proposta di detto soggetto, atteso che l' agente non e` abilitato a concludere il contratto in nome e per conto dell' assicuratore, ove un siffatto potere di rappresentanza non risulti espressamente conferito, ovvero non derivi da preposizione institoria per l' esercizio di una sede secondaria o di un ramo dell' impresa assicuratrice.*"

Minn dan premess huwa logiku li jigi dezunt illi sakemm is-socjeta` assiguratrici ma tissenjalax l-accettazzjoni taghha ma jistax ragonevolment jinghad illi jezisti kuntratt vinkolanti ta' assigurazzjoni. Huwa intwittiv ukoll illi sakemm l-assiguratur ikun ghadu qed jikkonduci l-ezami tieghu tat-taghrif moghti fil-*proposal form* huwa jkun qieghed jizen n-natura tar-riskju li jkun behsiebu jassigura in kwantu dan certament jinfluwixxi fuq id-decizjoni li jrid jasal ghaliha ghall-firmazzjoni tal-kuntratt. Stadju dan ta' riflessjoni importanti ghall-assiguratur u allura hu mistenni

li jkollu zmien ragonevoli biex jikkompleta l-istharrig tieghu. *Multo* magis, imbaghad f' materja ta' polizza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja in kwantu din minn natura stess taghha, kompriz allura t-taghrif moghti fil-*proposal form*, spiss drabi tirrekjedi wkoll accertamenti ta' indoli medika dwar l-istat ta' sahha tal-persuna li tkun qed tipproponi assigurazzjoni fuq hajjitha;

Gie a propozitu osservat fil-kawza fl-ismijiet "**Adriano Cassar Galea *nomine* -vs- Paul Cuschieri**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996, u fejn ukoll incidentalment giet sollevata l-kwestjoni jekk kienx gie konkjuz kuntratt ta' assigurazzjoni, illi "l-bazi tal-kuntratt ta' l-assigurazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, hu l-ftehim milhuq u liberament espress bejn l-assiguratur u l-assigurat. Ftehim li jrid ikollu l-konkors ta' l-elementi kollha soliti mehtiega ghal kull kuntratt, u cioe` l-offerta inekwivokabbli, l-accettazzjoni daqstant iehor inekwivokabbli, il-*consensus ad idem* bejn l-oggett tal-kuntratt u l-kapacita` tal-kontraenti ... Sakemm ma jkunx gie accettat illi l-elementi kollha tal-kuntratt ikunu gew sodisfatti, apprezzati u accettati mill-kontraenti, ma jistax jinghad li jezisti kuntratt vinkolanti u l-*proporsal form* titqies biss bhala offerta mhux acettata.";

Ugwalment kien inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Lina Zerafa *nomine* -vs- Avv. Joseph Fenech *nomine***", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1980 illi "bhal ma hu l-kaz ta' kull kuntratt iehor, anke f' kuntratt ta' l-assigurazzjoni m' hemmx il-kuntratt validu sakemm il-proposta tal-parti l-wahda ma tigix accettata, bla ebda kundizzjoni, mill-parti l-ohra, sakemm ma jkunx hemm il-*consensus ad idem* tal-partijiet";

Distintament pero mill-fattispece tal-kaz odjern f' dak il-kaz is-socjeta` assiguratrici kienet issenjalat permezz ta' ittra illi l-offerta kienet giet accettata anke jekk fiha nghad ukoll illi l-ittra ta' accettazzjoni kellha tintbaghat mill-*underwriter* aktar 'il quddiem;

Fil-kaz hawn dibattut l-atturi ma pprovaw l-ebda forma ta' accettazzjoni konsimili u diretta bhal dik tal-kaz appena accennat. Invece huma jikkampaw it-tezi taghhom fuq il-portata ta' l-I*statutory Notice* u tal-hlas tal-*premium*;

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ebda wahda minn dawn il-konsiderazzjonijiet ma tista' sservi ghal fondatezza jew il-legittimita` tal-pretensjoni ta' l-atturi;

Kwantu ghall-I*statutory Notice* fiha jinghad *expressis* illi "*this notice does not form part of the contract to which it relates*". Mill-kumplament tal-kontenut taghha, imbaghad, kif sewwa depost mix-xhud Anthony Formosa, dan l-Avviz statwit mill-"Life Insurance (Statutory Notice) Regulations, 1989" taht il-Kapitolu 290 ("Impriza ta' l-Assigurazzjoni") kellu bhala wiehed mill-iskopijiet primarji tieghu illi jgib a konjizzjoni tal-proponent ta' l-assigurazzjoni illi kellu zmien 15-il jum "*to consider the matter again, and if you so wish, to withdraw from the transaction*";

Dak li allura hu deciziv mill-qari u analisi ta' dan id-dokument hu l-fatt ovvju illi dan ma jistax, lanqas remotament, jitqies ekwivalenti ghal xi forma ta' acettazzjoni, u allura ta' ftehim vinkolanti;

Issa, apparti dak osservat fir-rigward mis-socjeta` konvenuta illi skond ir-ricevuta (fol. 48) il-hlas ma kellux ikun ekwiparat ghal xi accettazzjoni tal-proposta jew tar-riskju, it-twegiba ghal dak sostenut mill-atturi fir-rigward tal-hlas tal-*premium* tista' tinsilet minn din l-enuncjazzjoni tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Numru 6932, 21 ta' Novembru 1983**, riportata fl-opera ta' Roberto Triola: "**Codice Civile, Annotato con la Giurisprudenza**", Seconda Edizione, 2002, pagna 1587):

"*La circostanza che il sottoscrittore di una proposta di polizza, inoltrata ad una compagnia di assicurazione, versi nelle mani dell' agente di quest' ultima una somma di denaro a titolo di pagamento del*

*premio, non puo` assurgere a fatto equipollente all' accettazione della proposta da parte dell' assicuratore, ai fini del perfezionamento del contratto*.";

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti anke jekk accettat illi l-atturi pprovaw bl-esebizzjoni tad-debiti dokumenti u ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti imbaghad ma ssibx raguni biex tikkondividi l-fehma ta' l-atturi illi fuq il-fattezzi partikolari ta' dan il-kaz jista' jinghad illi gie konkjuz xi kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-hajja tal-kongunt taghhom.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja l-akkoljiment tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tirrigetta t-talba ta' l-atturi, bl-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------